# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru : 140/2022 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**DF**

**Vs**

**PS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DF datat 30 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti u l-intimata PS iżżewġu nhar id-disgħa u għoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgħa u disgħin (29/05/1994), iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok DF1,*** *u li minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.*

2. *Illi l-partijiet isseparaw legalment b'permezz ta' kuntratt fl- Atti tan- Nutar Dr Sharon Faith Farrugia fis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kopja tiegħu anness u mmarkat bħala* ***Dok DF2.***

3. *Illi m' hemm l- ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il- partijiet stante illi ilhom circa ħames snin mifrudin legalment u li llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

4. *Illi l-partijiet fl-istess kuntratt tas-7 ta' Lulju 2017 kienu rrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jirċievu jew jitolbu manteniment minn xulxin.*

5. *Illi dawn il- fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta kif emendati bl- Att XXV tal- 2021.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l- esponenti umilment jitolbu lil din l- Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi ż-żwieġ bejn DF u PS li ġie ċċelebrat nhar id-disgħa u għoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgħa u disgħin (29/05/1994) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*

2. *Tordna lir- Reġistratur tal- Qorti sabiex entro t-terminu iffissat mill- istess Qorti jinnotifika lid- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' PS datat 7 ta' Dicembru 2022, a fol 18 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponent taqbel illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Mejju 1994, minn liema zwieg ma twieldux tfal, u isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti nutar Dottor Sharon Faith Farrugia datat is-7 ta' Lulju 2017;*

2. *Illi l-esponenti tikkontendi ukoll illi huwa minnu li l-partijiet ilhom aktar minn hames snin separati de jure, kif ukoll li bejniethom m'hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni;*

3. *Illi effettivament, l-esponenti taqbel ukoll illi l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament mid-dritt illi jircievu manteniment minn ghand xulxin;*

4. *Illi finalment, l-esponent topponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni;*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tat-8 ta' Frar 2023 a fol 21, fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimata xehedet** (vide affidavit fol 19) illi l-kontendenti zzewgu nhar id-29 ta' Mejju 1994, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 7 ta' Lulju 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia. Xehedet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' kkonfermat illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide xhieda fol 22) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun***

*sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Mejju 1994, liema zwieg jgib certifikat numru 792/1994 (Vide fol 9 certifikat taz-zwieg). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia nhar is-7 ta' Lulju 2017 (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 792/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**LorraineDalli**
**Deputat Registratur**